MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2485/2003

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogatafid-drittijiet tal-assikurat taghha Noel Zarb Cousin u l-istess Noel Zarb Cousin.**

**Vs**

**Isabelle Dalli**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta’ Lm158 (mija, tmienja u hamsin lira Maltin) rapprezentanti f’danni in segwitu ghal kollizzjoni li grat bejn il-vettura HAO-272 misjuqa mill-attur u vettura BAP-081 misjuqa mill-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta’ Novembru 2003 u dik datata 10 ta’ Dicembru 2003 bl-

interessi mid-data tal-pagament tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-24 ta' Frar 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fl-10 ta' Gunju 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------